



**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 19 ta' Frar 2008
(OR. en)**

6271/08

**PESC 179
RELEX 88
COASI 19
COARM 9
COSDP 131**

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: **REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jġedded u jsaħħaħ il-miżuri
restrittivi fir-rigward ta' Burma/il-Mjanmar u li jħassar ir-Regolament
(KE) Nru 817/2006**

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (...) NRU .../2008

ta'

**li jġedded u jsaħħaħ il-miżuri restrittivi fir-rigward ta' Burma/il-Mjanmar
u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 817/2006**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 60 u 301 tiegħu

Wara li kkunsidra l-Pożizzjoni Komuni 2007/750/PESK li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2006/318/PESK għat-tiġdid tal-miżuri restrittivi kontra Burma/il-Mjanmar¹,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

¹ ĠU L 308, 24.11.2007, p. 1.

Billi:

- (1) Fit-28 ta' Ottubru 1996, il-Kunsill, imħasseb bin-nuqqas ta' progress lejn id-demokratizzazzjoni u bil-ksur kontinwu tad-drittijiet tal-bniedem f'Burma/il-Mjanmar, impona ċerti miżuri restrittivi kontra Burma/il-Mjanmar permezz tal-Pożizzjoni Komuni 1996/635/PESK¹. Dawn il-miżuri ġew sussegwentement estiżi u emendati bil-Pożizzjoni Komuni 2000/346/PESK², li ġiet revokata u sostitwita mill-Pożizzjoni Komuni 2003/297/PESK³, u mbagħad imġedda bil-Pożizzjoni Komuni 2004/423/PESK⁴, imsaħħa bil-Pożizzjoni Komuni 2004/730/PESK⁵, emendata bil-Pożizzjoni Komuni 2005/149/PESK⁶ u estiża u emendata bil-Pożizzjoni Komuni 2005/340/PESK⁷. Fi stadju ulterjuri l-Kunsill adotta il-Pożizzjoni Komuni 2006/318/PESK⁸ fid-dawl tas-sitwazzjoni politika f'Burma/il-Mjanmar, minħabba:
- in-nuqqas ta' l-awtoritajiet militari li jidħlu f'diskussjonijiet sostantivi mal-moviment demokratiku dwar proċess li jwassal għar-rikonċiljazzjoni nazzjonali, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija,

¹ ĠU L 287, 8.11.1996, p. 1.

² ĠU L 122, 24.5.2000, p. 1.

³ ĠU L 106, 29.4.2003, p. 36. Pożizzjoni Komuni kif l-aħħar emendata mid-Deċiżjoni 2003/907/PESK (ĠU L 340, 24.12.2003, p. 81).

⁴ ĠU L 125, 28.4.2004, p. 61. Pożizzjoni Komuni kif emendata l-aħħar bil-Pożizzjoni Komuni 2005/340/PESK (ĠU L 108, 29.4.2005, p. 88).

⁵ ĠU L 323, 26.10.2004, p. 17.

⁶ ĠU L 49, 22.2.2005, p. 37.

⁷ ĠU L 108, 29.4.2006, p. 88.

⁸ ĠU L 116, 29.4.2006, p. 77. Pożizzjoni Komuni kif l-aħħar emendata bil-Pożizzjoni Komuni 2007/750/PESK (OJ L 308, 24.11.2007, p. 1).

- in-nuqqas li tiġi permessa Konvenzjoni Nazzjonali ġenwina u miftuħa,
- id-detenzjoni kontinwa ta' Daw Aung San Suu Kyi, membri oħra tal-Lega Nazzjonali għad-Demokrazija (NLD) u ħabsin politiċi oħra,
- il-fastidju li għadu għaddej ta' l-NLD u ta' movimenti politiċi organizzati oħra,
- il-ksur serju u kontinwu tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż in-nuqqas li tittieħed azzjoni sabiex jitneħħa l-użu ta' xogħol furzat skond ir-rakkomandazzjoni tar-rapport tat-Tim ta' Livell Għoli ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol u tar-rakkomandazzjonijiet u l-proposti ta' missjonijiet sussegwenti ta' l-ILO; u
- l-iżviluppi reċenti bħaż-żieda fir-restrizzjonijiet fuq l-operat ta' organizzazzjonijiet internazzjonali u organizzazzjonijiet non-governattivi.

(2) Għalhekk il-Pożizzjoni Komuni 2006/318/PESK pprovdiet sabiex jissuktaw il-miżuri restrittivi kontra r-reġim militari ta' Burma/il-Mjanmar, dawk li jibbenefikaw l-aktar mit-tmexxija ħażina tagħha u dawk li attivament ifixklu l-proċess ta' rikonċiljazzjoni nazzjonali, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija. Il-miżuri restrittivi previsti mill-Pożizzjoni Komuni 2006/318/PESK inkludew embargo fuq l-armi, projbizzjoni ta' assistenza teknika, iffinanzjar u assistenza finanzjarja relatata ma' attivitajiet militari, projbizzjoni fuq l-esportazzjoni ta' tagħmir li jista' jintuża għat-trażżin intern, l-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi ta' membri tal-Gvern ta' Burma/il-Mjanmar u ta' kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entitatjiet jew korpi assoċjati magħhom, u projbizzjoni fuq l-għoti ta' self jew krediti finanzjarji disponibbli għal, u fuq l-akkwist jew l-estensjoni ta' parteċipazzjoni f'intrapriżi Birmani ta' l-istat.

- (3) Għadd mill-miżuri restrittivi imposti fir-rigward ta' Burma/il-Mjanmar ġew implimentati fil-livell Komunitarju permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 817/2006 tad-29 ta' Mejju 2006 li jġedded il-miżuri restrittivi fir-rigward ta' Burma/il-Mjanmar u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 798/20041.
- (4) B'reazzjoni għar-repressjoni brutali mwettqa mill-awtoritajiet ta' Burma kontra dawk in-nies li pprotestaw b'mod paċifiku f'Settembru 2007 u l-vjolażżjonijiet kontinwi serji tad-drittijiet tal-bniedem f'Burma/il-Mjanmar, fid-19 ta' Novembru 2007 il-Kunsill iddeċieda li japplika aktar miżuri restrittivi kontra r-reġim militari ta' dak il-pajjiż, b'żieda ma' dawk diġà fis-seħħ skond il-Pożizzjoni Komuni 2006/318/PESK.
- (5) Il-Pożizzjoni Komuni 2007/750/PESK tipprovdi għal miżuri restrittivi ġodda li jikkonċernaw ċerti importazzjonijiet minn, esportazzjonijiet lejn u investimenti f'Burma/il-Mjanmar, immirati lejn l-industrija ta' l-injam u ċerti industriji ta' estrazzjoni.

Tipprovdi wkoll li jitwessa' l-ambitu tar-restrizzjonijiet eżistenti fuq l-investment biex ikunu applikabbli wkoll fuq investment f'intrapriżi li huma fil-pussess jew huma kkontrollati minn persuni jew entitajiet assoċjati mar-reġim militari, u biex jitwessgħu l-kategoriji tal-persuni li huma l-mira ta' l-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi bil-għan li jkunu inklużi wkoll il-membri anzjani addizzjonali li qed iservu fil-forzi militari ta' Burma.

¹ ĠU L 148, 2.6.2006, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 830/2007 (ĠU L 185, 17.7.2007, p. 1).

- (6) Għal aktar minn għaxar snin, il-Kunsill u l-membri tal-komunità internazzjonali kkundannaw ripetutament il-prattika ta' tortura tar-reġim ta' Burma/il-Mjanmar, l-eżekuzzjonijiet sommarji u arbitrarji, ix-xogħol furzat, l-abbuż kontra n-nisa, l-arrestazzjonijiet politiċi, iċ-ċaqliq sfurzat tal-popolazzjoni u r-restrizzjonijiet fuq id-drittijiet fundamentali tal-libertà tal-kelma, tal-moviment u ta' l-assemblea. Meta jiġu kkunsidrati l-vjolazzjonijiet kontinwi serji u fit-tul tar-reġim fir-rigward tar-drittijiet fundamentali, inkluża r-repressjoni brutali ta' dan l-aħħar tad-dimostrazzjonijiet paċifiċi, il-miżuri restrittivi f'dan ir-Regolament huma strumentali biex ikun promoss ir-rispett tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u għalhekk għandhom l-għan li jipproteġu l-morali pubblika.
- (7) Il-miżuri restrittivi l-ġodda huma mmirati għas-setturi li jipprovdu sorsi ta' dħul għar-reġim militari ta' Burma/il-Mjanmar. Għalhekk il-miżuri restrittivi l-ġodda japplikaw għall-injam u l-prodotti ta' l-injam, u għall-faħam, id-deheb, il-fidda, ċerti metalli komuni u ġebel prezzjuż u semi-prezzjuż. F'dawn is-setturi, ċerti miżuri jirrestrinġu l-importazzjonijiet, l-esportazzjonijiet u l-investimenti. Il-lista ta' entitajiet li fuqhom japplikaw ir-restrizzjonijiet ġodda fuq l-investiment u l-assistenza finanzjarja għall-esportazzjoni għandha tikkorrispondi mal-lista stabbilita fl-Anness I tal-Pożizzjoni Komuni 2007/750/PESK li telenka l-entitajiet f'Burma/il-Mjanmar involuti f'dawn is-setturi fil-mira tar-restrizzjonijiet.
- (8) Dawn ir-restrizzjonijiet għandhom il-ħsieb li jżommu lil dawk li huma soġġetti għall-ġurisdizzjoni tal-KE milli jagħmlu profitt mill-kummerċ li jippromwovi jew b'xi mod iħaffef l-implimentazzjoni ta' dawn il-politiki, li jmorru kontra l-liġi internazzjonali u li huma inkompatibbli mal-prinċipji tal-libertà, id-demokrazija, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, u l-istat tad-dritt, li huma komuni għall-Istati Membri.

- (9) L-ambitu tal-projbizzjoni fuq l-investment imposta bir-Regolament (KE) Nru 817/2006 għandu jsir konformi mal-Pożizzjoni Komuni 2007/750/PESK, u l-listi ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi ta' dak ir-Regolament għandhom jiġu aġġornati.
- (10) Il-lista ta' tagħmir li jista' jintuża għar-repressjoni interna għandha tkun aġġornata wara rakkomandazzjonijiet magħmula minn esperti, billi jkun ikkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1236/2005 tas-27 ta' Ġunju 2005 dwar il-kummerċ ta' ċerti prodotti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali, it-tortura jew għal trattament jew piena oħra krudili, diżumana jew degradanti¹.
- (11) Xi miżuri minn dawk imsemmija hawn fuq jaqgħu fl-ambitu tat-Trattat KE u, għalhekk, notevolement bil-għan li tkun żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom mill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha, hija meħtieġa leġislazzjoni Komunitarja biex timplimentahom f'dak li għandu x'jaqsam mal-Komunità.
- (12) F'għieħ iċ-ċarezza, għandu jkun adottat test ġdid li jkun fih id-dispożizzjonijiet rilevanti kollha hekk kif emendati, u li jissostitwixxi r-Regolament (KE) Nru 817/2006 li għandu jkun revokat.
- (13) Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-publikazzjoni tiegħu biex jiġi żgurat li l-miżuri previsti fih ikunu effettivi,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

¹ ĠU L 200, 30.7.2005, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

KAPITOLU 1

Definizzjonijiet

Artikolu 1

1. Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:
 - (a) 'importazzjoni' tfisser kull dħul ta' oġġetti fit-territorju doganali tal-Komunità jew territorji oħra li għalihom japplika t-Trattat, skond il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 299 tiegħu. Dan jinkludi, fit-tifsira tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità¹, it-tqegħid f'żona ħielsa, jew maħżen ħieles, it-tqegħid fi proċedura ta' sospensjoni u r-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa, iżda jeskludi t-transitu u l-ħżin temporanju.
 - (b) 'esportazzjoni' tfisser kull tluq ta' oġġetti mit-territorju doganali tal-Komunità jew territorji oħra li għalihom japplika t-Trattat, skond il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 299 tiegħu. Dan jinkludi, fit-tifsira tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92, it-tluq ta' oġġetti li jeħtieġu dikjarazzjoni doganali u t-tluq ta' oġġetti wara l-ħażna tagħhom f'żona ħielsa tat-tip ta' kontroll I jew f'maħżen ħieles, iżda jeskludi t-transitu;

¹ ĠU L 302, 19.10.2002, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

- (ċ) 'esportatur' tfisser persuna fiżika jew ġuridika li f'isimha ssir dikjarazzjoni dwar esportazzjoni, jiġifieri l-persuna li, fil-ħin meta d-dikjarazzjoni tiġi aċċettata, għandha kuntratt mad-destinatarju fil-pajjiż terz u għandha s-setgħa li tiddetermina l-esportazzjoni ta' l-oġġett 'l barra mit-territorju doganali tal-Komunità jew territorji oħra li għalihom japplika t-Trattat.
- (d) 'assistenza teknika' tfisser kull appoġġ tekniku relatat ma' tiswijiet, żvilupp, manifattura, assemblaġġ, ittestjar, manutenzjoni, jew kull servizz tekniku ieħor, u tista' tiegħu forom bħal tagħlim, konsulenza, taħriġ, trażmissjoni ta' konossenza tax-xogħol jew ħiliet jew servizzi ta' konsulenza; l-assistenza teknika għandha tinkludi forom verbali ta' assistenza;
- (e) 'fondi' tfisser assi finanzjarji u benefiċċji ta' kull xorta, li jinkludu iżda mhux limitati għal:
- (i) flus kontanti, ċekkijiet, pretensjonijiet fuq flejjes, drafts, money-orders u strumenti oħra ta' ħlas;
 - (ii) depożiti ma' istituzzjonijiet finanzjarji jew entitajiet oħra, bilanċi f'kontijiet, dejn u obbligazzjonijiet ta' dejn;
 - (iii) titoli negozjabbli kemm pubblikament kif ukoll privatament u strumenti li joħolqu jew jirrikonoxxu debitu, inklużi stock u azzjonijiet, ċertifikati li jirrappreżentaw titoli, bonds, notes, warrants, debentures u kuntratti derivattivi;

- (iv) imgħax, dividendi jew dħul ieħor fuq assi, jew valur akkumulat jew ġenerat minnhom;
- (v) kreditu, dritt ta' tpaċija, garanziji, bonds ta' prestazzjoni jew impenji finanzjarji oħra;
- (vi) ittri ta' kreditu, poloz tat-tagħbija, dokumenti ta' bejgħ;
- (vi) dokumenti li jixhdu xi interess f'fondi jew riżorsi finanzjarji;
- (f) 'iffriżar ta' fondi' tfisser il-prevenzjoni ta' kwalunkwe ċaqliq, trasferiment, alterazzjoni, użu ta', aċċess għal, jew negozju b'fondi fi kwalunkwe mod li jista' jirriżulta fi kwalunkwe bidla fil-volum, l-ammont, il-lok, id-dritt tal-proprjetà, il-pussess, il-karattru, jew id-destinazzjoni tagħhom jew f'xi bidla oħra li tista' tippermetti l-użu tal-fondi, inkluża l-amministrazzjoni ta' portfolio;
- (g) 'riżorsi ekonomiċi' tfisser assi ta' kull xorta, kemm tanġibbli jew intanġibbli, mobbli jew immobbli, li mhumex fondi iżda li jistgħu jintużaw biex jinkisbu fondi, prodotti jew servizzi;
- (h) 'iffriżar ta' riżorsi ekonomiċi' tfisser il-prevenzjoni ta' l-użu tagħhom biex jinkisbu fondi, prodotti jew servizzi f'kull mod, li jinkludu, iżda mhux limitati għal, il-bejgħ, il-kiri jew l-ipotekar tagħhom;
- (i) "territorju tal-Komunità" tfisser it-territorji li għalihom huwa applikabbli t-Trattat, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fit-Trattat.

KAPITOLU 2

Restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet u x-xiri

Artikolu 2

1. L-Anness I għandu jinkludi prodotti li jaqgħu taħt il-kategoriji li ġejjin:
 - (a) zżuk tondi, injam u prodotti ta' l-injam;
 - (b) faħam u ċerti metalli; u
 - (ċ) ġebel prezzjuż u semi-prezzjuż.
2. Għandu jġi pprojbit:
 - (a) l-importazzjoni ta' prodotti elenkati fl-Anness I, jekk dawn il-prodotti
 - (i) joriġinaw f'Burma/il-Mjanmar jew
 - (ii) kienu esportati minn Burma/il-Mjanmar;
 - (b) ix-xiri ta' prodotti li jinsabu f'Burma/il-Mjanmar li huma elenkati fl-Anness I;

- (c) it-trasportazzjoni ta' prodotti elenkati fl-Anness I, jekk joriġinaw f'Burma/il-Mjanmar jew qed ikunu esportati minn Burma/il-Mjanmar lejn kull pajjiż ieħor, u d-destinazzjoni finali tagħhom hi fil-komunità; jew
 - (d) il-parteċipazzjoni, konxjament u intenzjonalment, f'attivitajiet li l-għan jew l-effett tagħhom huwa, li direttament jew indirettament, jiġu evitati l-projbizzjonijiet fil-punti (a), (b) jew (c).
3. L-oriġini tal-prodotti għandha tkun iddeterminata skond id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.
4. Importazzjonijiet, xiri u trasport ta' prodotti li huma okkażjonali u jikkonsistu biss fi prodotti għall-użu personali ta' min jirċevihom jew vjaġġaturi jew il-familji tagħhom m'għandhomx ikunu meqjusa bħala pprojbiti mill-paragrafu 2.

Artikolu 3

1. L-Artikolu 2(2) m'għandux japplika għall-prodotti li kienu, skond obbligu kontrattwali li jkunu forniti l-prodotti kkonċernati lill-parti kontraenti fil-Komunità, diġà fil-proċess ta' imbarkazzjoni qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Il-prodotti għandhom jitqiesu bħala li huma fil-proċess ta' imbarkazzjoni jekk ikunu telqu minn Burma/il-Mjanmar qabel id-data rilevanti lejn destinazzjoni finali fil-Komunità.
2. Għandha tkun ir-responsabbiltà tal-parti interessata li turi lill-awtoritajiet doganali, permezz ta' dokumenti rilevanti, li l-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1jiġu sodisfatti. Jekk id-dokumenti ma jitressqux meta l-prodotti jiġu ddikjarati, l-awtoritajiet doganali għandhom iżommu l-prodotti.
3. Jekk id-dokumenti meħtieġa ma jiġux ipprovduti fi żmien xahrejn jew jekk, wara s-sottomissjoni tad-dokumenti, l-awtoritajiet tad-dwana mhumiex sodisfatti li l-kundizzjonijiet stabbiliti f'paragrafu 1 qed jintlaħqu, l-awtoritajiet tad-dwana għandhom jiddisponu mill-prodotti miżmuma skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli.

KAPITOLU 3

Restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni

Artikolu 4

1. Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, direttament jew indirettament, ta' tagħmir li jista' jintuża għal repressjoni interna kif elenkat fl-Anness II, sew jekk joriġina fil-Komunità jew le, lil kull persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fi, jew għall-użu f'Burma/il-Mjanmar.
2. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika għall-ilbies protettiv, inklużi ġkieket tal-flak u elmi, esportati temporanjament lejn Burma/il-Mjanmar minn persunal tan-Nazzjonijiet Uniti, persunal ta' l-Unjoni Ewropea, tal-Komunità jew ta' l-Istati Membri tagħha, rappreżentanti tal-medja u ħaddiema umanitarji u dawk għall-iżvilupp u l-persunal assoċjat għall-użu personali tagħhom biss.

Artikolu 5

1. Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' prodotti jew teknoloġija elenkati fl-Anness III, direttament jew indirettament, lil intrapriżi f'Burma/il-Mjanmar li huma involuti fl-industriji li ġejjin:
 - (a) qtugħ ta' injam u pproċessar ta' injam,

- (b) estrazzjoni ta' faħam, deheb, fidda, ħadid, landa, ram, tungstenu, ċomb, manganiż, nikil u żingu;
 - (c) l-estrazzjoni u l-ipproċessar ta' ġebel prezzjuż u semi-prezzjuż, inklużi d-djamanti, ir-rubini, iż-żaffiri, il-ġada u l-iżmeraldi.
2. L-Anness III għandu jinkludi tagħmir u teknoloġija użati fl-industriji msemmija fil-paragrafu 1. L-Anness III m'għandux jinkludi prodotti inklużi fil-Lista Militari Komuni ta' l-Unjoni Ewropea.
 3. Bil-ħsieb li jiġi implimentat il-paragrafu 1, awtorizzazzjoni minn qabel tkun meħtieġa għall-esportazzjoni, direttament jew indirettament, tal-prodotti u t-teknoloġija elenkati fl-Anness III, lil kull persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fi, jew għall-użu fi, Burma/il-Mjanmar.
 4. L-esportaturi għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti bl-informazzjoni rilevanti kollha meħtieġa għall-applikazzjoni tagħhom għal awtorizzazzjoni. Jekk l-esportatur mhux stabbilit fil-Komunità, ir-responsabbiltà biex tinkiseb l-awtorizzazzjoni minn-qabel neċessarja għandha taqa' f'idejn il-bejjieġh, il-fornitur jew il-parti li tittrasferixxi, kwalunkwe wieħed li jkun stabbilit fil-Komunità. L-applikazzjoni għandha titressaq għand l-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru fejn l-applikant huwa stabbilit, kif indikat fil-websajts elenkati fl-Anness IV. It-trasportaturi għandhom jiġu ppreżentati bl-awtorizzazzjoni neċessarja qabel ma sseħħ l-esportazzjoni.

5. L-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, kif indikat fil-websajts elenkati fl-Anness IV, m'għandhom jagħtu awtorizzazzjoni għal ebda esportazzjoni ta' prodotti u teknoloġija elenkati fl-Anness III, fejn hemm raġunijiet raġonevoli biex jitqies li l-prodotti u t-teknoloġija se jitqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' xi intrapriża f' Burma/il-Mjanmar impenjata fl-industriji msemmija fil-paragrafu 1.
6. L-awtorizzazzjonijiet għandhom jingħataw biss minn awtorità kompetenti fl-Istat Membru fejn l-applikant huwa stabbilit, kif indikat fil-websajts elenkat fl-Anness IV. L-awtorizzazzjonijiet għandhom ikunu validi madwar il-Komunità kollha.
7. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu l-awtorizzazzjonijiet skond dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, bħal obbligu li tingħata stqarrija ta' l-utent finali. L-awtoritajiet kompetenti, waqt li jaġixxu skond il-paragrafu 4 jew 5, jistgħu jannullaw, jissospendu, jimmodifikaw jew jirrevokaw awtorizzazzjonijiet li huma jkunu diġà ħarġu.

8. Fejn l-awtoritajiet kompetenti fi Stat Membru jirrifjutaw li jagħtu awtorizzazzjoni, jew jannullaw, jissospendu, jillimitaw sostanzjalment jew jirrevokaw awtorizzazzjoni, l-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma b'dan lill-Istati Membri l-oħra u l-Kummissjoni, u jaqsa magħhom informazzjoni rilevanti, b'mod partikolari dwar l-utent finali jew l-intrapriża involuta f'Burma/il-Mjanmar, skond il-ħtiġiet ta' kunfidenzjalità previsti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97¹.
9. Qabel ma' Stat Membru jagħti awtorizzazzjoni li tikkonċerna l-istess utent finali jew intrapriża f'Burma/il-Mjanmar, għandu l-ewwel jikkonsulta l-Istat Membru li jkun iċċaħadha. Jekk, wara tali konsultazzjonijiet, l-Istat Membru kkonċernat jiddeċiedi li jagħti awtorizzazzjoni, huwa għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'dan, waqt li jipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha biex jispjega d-deċizzjoni.

Artikolu 6

L-Artikolu 5 m'għandux japplika għal prodotti li kienu fil-proċess ta' imbarkazzjoni qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Prodotti għandhom jitqiesu fil-proċess ta' imbarkazzjoni jekk ikunu telqu mill-Komunità qabel id-data rilevanti għal destinazzjoni finali f'Burma/il-Mjanmar.

Artikolu 7

1. Għandu jiġi pprojbit:
 - (a) li tkun ipprovduta jew ittrasferita assistenza teknika relatata ma' attivitajiet militari u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' armi u materjal relatat ta' kull tip, inkluż armi u munizzjon, vetturi u tagħmir militari, tagħmir paramilitari, u partijiet tal-bdil għal dawn imsemmija, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fi, jew għall-użu f'Burma/il-Mjanmar;

¹ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97 tat-13 ta' Marzu 1997 dwar għajnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi ta' l-Istati Membri u l-koperazzjoni bejn dawn ta' l-aħħar u l-Kummissjoni sabiex tkun assicurata l-applikazzjoni korretta tal-liġi dwar materji doganali u agrikoli (*ĠU L 82, 22.3.1997, p. 1*). Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 807/2003 (*ĠU L 122, 16.5.2003, p. 36*).

- (b) li jingħataw finanzjament jew assistenza finanzjarja relatata ma' attivitajiet militari, inkluż b'mod partikolari għotjiet, self u assigurazzjoni ta' kreditu għall-esprtazzjoni għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' armi u materjal relatat, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fi, jew għall-użu f'Burma/il-Mjanmar;

2. Għandu jiġi pprojbit:

- (a) l-għoti ta' assistenza teknika relatata mat-tagħmir li jista' jintuża għar-repressjoni interna kif elenkat fl-Anness II, direttament jew indirettament lil kull persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fi, jew għall-użu f'Burma/il-Mjanmar;
- (b) l-għoti ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatata mat-tagħmir elenkat fl-Anness II, inkluż b'mod partikolari għotjiet, self u assigurazzjoni ta' kreditu għall-esprtazzjoni, direttament jew indirettament lil kull persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fi, jew għall-użu f'Burma/il-Mjanmar;

3. Fir-rigward ta' kwalunkwe intrapriża, persuna ġuridika, entità jew korp elenkat fl-Anness V, għandu jkun ipprojbit l-għoti ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja għal kull bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' prodotti u teknoloġija elenkati fl-Anness III, jew għall-għoti ta' assistenza teknika jew taħriġ relatati.

4. L-Anness V għandu jinkludi:

- (a) intrapriżi f'Burma/il-Mjanmar li joperaw fl-industriji li ġejjin:
 - (i) qtugħ ta' injam u pproċessar ta' injam,

- (ii) estrazzjoni ta' faħam, deheb, fidda, ħadid, landa, ram, tungstenu, ċomb, manganiż, nikil u żingu;
 - (iii) estrazzjoni u pproċessar ta' ġebel prezzjuż u semi-prezzjuż, inklużi djamanti, rubini, żaffiri, ġada u żmeraldi; u
- (b) persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi li huma proprjetà ta' jew ikkontrollati minn, jew jaġixxu għal jew f'isem, intrapriżi li jappartjenu lil jew huma kkontrollati minn, jew li jaġixxu għal jew f'isem, dawn l-intrapriżi.
5. Il-parteċipazzjoni, konxjament u intenzjonalment, f'attivitajiet li għandhom l-għan jew l-effett li jevitaw il-projbizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 hija pprojbita.
6. Il-projbizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1(b), 2(b) u 3 m'għandhom iwasslu għal ebda xorta ta' responsabbiltà fuq il-parti tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew entitajiet ikkonċernati, jekk ma kienux jafu, u ma kellhom l-ebda raġuni valida li jissuspettaw, li l-azzjonijiet tagħhom kienu se jiksru dawn il-projbizzjonijiet.

Artikolu 8

1. Għandu jkun ipprojbit l-għoti ta' għajnuna teknika relatata ma' prodotti jew teknoloġija elenkati fl-Anness III, direttament jew indirettament, lil intrapriżi f'Burma/il-Mjanmar li huma involuti fl-industriji elenkati fl-Artikolu 5(1).
2. Bil-ħsieb li jiġi implimentat il-paragrafu 1, awtorizzazzjoni minn qabel tkun meħtieġa għall-għoti ta' għajnuna teknika relatata ma' prodotti u teknoloġija elenkati fl-Anness III, lil kull persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fi, jew għall-użu fi, Burma/il-Mjanmar.

3. Il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jagħtu l-assistenza teknika għandhom jgħaddu lill-awtoritajiet kompetenti l-informazzjoni rilevanti kollha meħtieġa għall-applikazzjoni tagħhom għal awtorizzazzjoni. L-applikazzjoni għandha titressaq għand l-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru fejn l-applikant huwa stabbilit, kif indikat fil-websajts elenkati fl-Anness IV.
4. L-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, kif indikat fil-websajts elenkati fl-Anness IV, m'għandhomx jagħtu awtorizzazzjoni għal kwalunkwe għoti ta' assistenza teknika relatata ma' prodotti u teknoloġija elenkati fl-Anness III, fejn hemm raġunijiet motivati li jittqies li l-assistenza teknika se tingħata lil, jew b'xi mod ieħor se tkun ta' benefiċċju lil, intrapriża f'Burma/il-Mjanmar li topera fl-industrija elenkati fl-Artikolu 5(1).
5. Il-paragrafi 5 sa 8 ta' l-Artikolu 5 għandhom japplikaw fejn applikazzjonijiet għal awtorizzazzjonijiet isiru f'konformità ma' dan l-Artikolu.

Artikolu 9

1. B'deroga mill-Artikolu 4 u 7(2), l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, kif indikat fil-websajts elenkati fl-Anness IV, jistgħu jawtorizzaw, taħt dawn il-kundizzjonijiet kif iquisu xieraq:
 - (a) il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' tagħmir li jista' jintuża għal repressjoni interna kif elenkat fl-Anness II, maħsub biss għall-użu umanitarju jew protettiv, jew għal programmi ta' bini ta' istituzzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti, l-Unjoni Ewropea u l-Komunità, jew għal operazzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea u n-Nazzjonijiet Uniti ta' maniġġar ta' kriżijiet;
 - (b) il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' tagħmir għat-tneħħija tal-mini u materjal għal użu fil-ħidma għat-tneħħija tal-mini, u
 - (c) l-għoti ta' finanzjamenti jew ta' assistenza finanzjarja u assistenza teknika relatata ma' tagħmir, materjal, programmi u operazzjonijiet imsemmija fis-subparagrafi (a) u (b).

2. B'deroga mill-Artikoli 5(1), (6), 7(3) u 8, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, kif indikat fil-websajts elenkati fl-Anness IV, jistgħu jawtorizzaw, taħt dawn il-kundizzjonijiet kif iqisu xieraq, il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-prodotti u t-teknoloġija elenkati fl-Anness III destinati għall-intrapriżi msemija fl-Artikolu 5(1), jew l-għoti ta' assistenza teknika relatat, ifffinanzjar jew assistenza finanzjarja, kemm-il darba l-kundizzjonijiet li ġejjin jintlaħqu:
- (a) it-tranżazzjoni tikkostitwixxi twettiq ta' obbligu kuntrattwali ta' bejgħ, forniment jew trasferiment tal-prodotti kkonċernati, jew li tingħata l-assistenza jew il-finanzjament ikkonċernati, lil intrapriża jew intrapriża konġunta f'Burma/il-Mjanmar;
 - (b) il-kuntratt jew il-ftehim li ħoloq dan l-obbligu ġie konkluż mill-bejjiegħ, il-fornitur jew il-parti li tittrasferixxi qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, u
 - (c) dak il-kuntratt jew ftehim jikkonċerna investiment fi, l-akkwist jew il-ħolqien ta' l-intrapriża kkonċernata jew il-ħolqien ta' l-intrapriża konġunta kkonċernata.
3. Bħala deroga mill-Artikolu 7(1), l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, kif imniżżel fl-Anness IV, jistgħu jawtorizzaw, skond il-kondizzjonijiet li huma jikkunsidraw xierqa, l-għoti ta' finanzjament u assistenza finanzjarja u assistenza teknika fir-rigward ta':
- (a) tagħmir militari mhux letali maħsub biss għall-użu umanitarju jew protettiv, jew għal programmi ta' bini ta' istituzzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti, l-Unjoni Ewropea u l-Komunità;

- (b) materjal maħsub għall-operazzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea u tan-Nazzjonijiet Uniti ta' maniġġar ta' kriżijiet.

Artikolu 10

L-awtorizzazzjonijiet msemmija f'dan il-Kapitolu m'għandhomx jingħataw għal attivitajiet li diġà twettqu.

KAPITOLU 4

Iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi

Artikolu 11

1. Il-fondi u r-riżorsi kollha li jappartjenu lil, li huma proprjetà ta', qed jinżammu jew huma kkontrollati mill-membri individwali tal-Gvern ta' Burma/il-Mjanmar u lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom kif elenkati fl-Anness VI, għandhom ikunu ffriżati.
2. L-ebda fondi jew riżorsi ekonomiċi m'għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni ta', direttament jew indirettament, jew għall-benefiċċju ta', persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness VI.

3. Il-parteċipazzjoni, konxjament u intenzjonalment, f'attivitajiet li l-għan jew l-effett tagħhom hu li, direttament jew indirettament, jiġu promossi t-transazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandha tkun projbita.
4. Il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 2 m'għandhiex twassal għal responsabbiltà ta' ebda xorta fuq in-naħa tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew entitajiet ikkonċernati, jekk huma ma kinux jafu, u ma kellhom ebda raġuni valida li jissuspettaw, li l-azzjonijiet tagħhom kienu se jiksru din il-projbizzjoni.

Artikolu 12

1. L-Artikolu 11(2) m'għandux japplika għaż-żieda fil-kontijiet iffriżati ta':
 - (a) imgħax jew qligħ ieħor fuq dawk il-kontijiet; jew
 - (b) ħlasijiet dovuti taħt kuntratti, ftehim jew obbligazzjonijiet li kienu konklużi jew saru qabel id-data li fiha dawk il-kontijiet saru soġġetti għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1081/2000¹, ir-Regolament (KE) Nru 798/2004², ir-Regolament (KE) Nru 817/2006 jew dan ir-Regolament, ikun liema jkun l-ewwel, kemm-il darba kull interessi, dħul ieħor u ħlasijiet jibqgħu jkunu soġġetti għall-Artikolu 11(1).

¹ Regolament (KE) Nru 1081/2000 tat-22 ta' Mejju 2000 li jipprojbixxi l-bejgħ, il-provvista u l-esportazzjoni għall-Burma/il-Myanmaar ta' tagħmir li jista' jintuża għal ripressjoni interna jew għal terroriżmu, u li jiffriża l-fondi ta' ċerti persuni relatati ma' funzjonijiet governattivi importanti f'dak il-pajjiż (ĠU L 122, 24.5.2000, p. 29).

² Regolament (KE) Nru 798/2004 li jirrinova l-miżuri restrittivi għal dak li jirrigwarda l-Burma/Myanmar u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1081/2000 (ĠU L 125, 28.4.2004, p. 4).

2. L-Artikolu 11(2) m'għandux jipprevjeni lil istituzzjonijiet finanzjarji jew ta' kreditu fil-Komunità milli jikkreditaw kontijiet iffriżati fejn jirċievu fondi trasferiti minn partijiet terzi fil-kont tal-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp, sakemm kwalunkwe żieda għal tali kontijiet tiġi ffriżata wkoll. L-istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu għandha tgħarraġ bla dewmien lill-awtoritajiet kompetenti b'tali transazzjonijiet.

Artikolu 13

1. L-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, kif indikati fil-websajts elenkati fl-Anness IV, jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi u riżorsi ekonomiċi ffriżati jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, taħt dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi kkonċernati huma:
- (a) meħtieġa biex jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi ta' persuni elenkati fl-Anness VI u l-membri familjari dipendenti, inkluż ħlas għal ikel, kera jew ipoteka, mediċini u kura medika, taxxi, poloz ta' l-assigurazzjoni, u l-ħlasijiet għall-użu ta' servizzi pubbliċi;
 - (b) maħsuba esklusivament għall-ħlas ta' onorarji professjonali raġonevoli u għar-rimbors ta' spejjeż li huma konnessi ma' l-għoti ta' servizzi legali;

- (c) maħsuba esklussivament għall-ħlas ta' onorarji jew ħlasijiet għal servizzi ta' rutina fiż-żamma ta' fondi ffriżati u riżorsi ekonomiċi;
- (d) meħtieġa għal spejjeż straordinarji, kemm-il darba l-Istat Membru kkonċernat ikun innotifika lill-Istati Membri l-oħra u l-Kummissjoni bir-raġunijiet li fuqhom iqis li awtorizzazzjoni speċifika għandha tingħata, għal inqas ġimgħatejn qabel l-awtorizzazzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar kull awtorizzazzjoni mogħtija taħt il-paragrafu 1.

Artikolu 14

L-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi jew iċ-ċaħda biex il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jkunu mqiegħeda għad-dispożizzjoni, magħmula in bona fede fuq il-bażi li din l-azzjoni hija skond dan ir-Regolament, m'għandux jirriżulta f'obbligu ta' l-ebda tip mill-parti ta' persuni fiżika jew ġuridika jew ta' entità li timplimentaha, jew id-diretturi jew l-impjegati tagħha, sakemm ma jkunx ipprovat li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kienu ffriżati bħala riżultat ta' negliġenza.

KAPITOLU 5

Restrizzjonijiet fuq l-iffinanzjar ta' ċerti intrapriżi

Artikolu 15

1. L-Anness VII għandu jinkludi:

- (a) intrapriżi li jappartjenu lil jew huma kkontrollati mill-Gvern ta' Burma/il-Mjanmar jew il-korpi pubbliċi, il-korporazzjonijiet, inklużi kumpaniji stabbiliti taħt liġi privata li fihom l-awtoritajiet pubbliċi għandhom sehem ta' maġġoranza, u l-aġenziji ta' dak l-Istat;
- (b) intrapriżi li jappartjenu lil jew huma kkontrollati minn membri individwali tal-Gvern ta' Burma/il-Mjanmar jew persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom; u
- (c) persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jappartjenu lil jew huma kkontrollati minn, jew li jaġixxu għal jew f'isem, intrapriżi msemmija fil-punt (a) jew (b).

2. Dan li ġej għandu jiġi pprojbit:

- (a) l-għoti ta' kwalunkwe self jew kreditu finanzjarju lil kwalunkwe intrapriża, persuna ġuridika, entità jew korp elenkat fl-Anness V jew VII, jew l-akkwist ta' bonds, ċertifikati ta' depożitu, warrants jew debentures, maħruġa minn intrapriżi, persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness VII;

- (b) l-akkwist jew l-estensjoni ta' parteċipazzjoni fl-intrapriżi, il-persuni ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi elenkati fl-Anness V jew VII, inkluż l-akkwist b'mod sħiħ ta' tali intrapriżi u l-akkwist ta' ishma u ta' titoli ta' sigurtà ta' natura parteċipanti;
 - (c) l-istabbiliment ta' kwalunkwe intrapriża konġunta ma' l-intrapriżi, il-persuni ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi elenkati fl-Anness V jew VII, ma' intrapriżi sussidjarji ta' tali intrapriżi jew ma' persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi affiljati li huma taħt il-kontroll tagħhom.
3. Il-parteċipazzjoni, konxjament u intenzjonalment, f'attivitajiet li l-għan jew l-effett tagħhom hu li, direttament jew indirettament, jaħarbu mill-miżuri msmmija fil-paragrafu 2 għandha tkun projbita.
 4. Il-paragrafu 2 għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni ta' kuntratti ta' negozju għall-forniment ta' merkanzija jew servizzi fuq kondizzjonijiet normali ta' ħlas kummerċjali u l-ftehim supplimentari normali b'konnessjoni ma' l-eżekuzzjoni ta' dawn il-kuntratti bħal assigurazzjonijiet ta' kreditu għall-esportazzjoni.
 5. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 2(a) għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni ta' obbligu li joħroġ minn kuntratti jew ftehim konklużi qabel id-data li fiha l-intrapriża kienet elenkata għall-ewwel darba mill-Kunsill, kif indikat fl-Anness V jew VII.
 6. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 2(b) m'għandhomx jipprevjenu l-estensjoni ta' parteċipazzjoni f'intrapriżi, persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness V jew VII, jekk din l-estensjoni hija prevista fi ftehim konkluż ma' l-intrapriża kkonċernata qabel id-data li fiha l-intrapriża kienet elenkata għall-ewwel darba mill-Kunsill, kif indikat fl-Anness V jew VII.

7. Il-persuna, l-entità jew il-korp li għandhom il-ħsieb li jestendu parteċipazzjoni f'intrapriża, persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness V jew VII għandhom jinformaw lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru rilevanti, kif indikat fil-websajts elenkati fl-Anness IV, qabel ma sseħħ kwalunkwe tranżazzjoni msemmija fil-paragrafu 6. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni.
8. Il-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 2(b) m'għandha tagħti lok għall-ebda obligazzjoni ta' l-ebda tip min-naħa ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew entitajiet ikkonċernati, jekk dawn ma kinux jafu, u ma kellhom l-ebda raġuni valida li jissuspettaw, li l-azzjonijiet tagħhom jiksru din il-projbizzjoni.

KAPITOLU 6

Dispożizzjonijiet ġenerali u finali

Artikolu 16

1. Mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar ir-rappurtar, il-kunfidenzjalità u s-segretezza professjonali, il-persuni, l-entitajiet u l-korpi naturali u ġuridiċi għandhom:
 - (a) jgħaddu immedjatament lill-awtoritajiet kompetenti indikati fil-websajts elenkati fl-Anness IV fejn huma residenti jew fejn jinsabu, kull informazzjoni li tista' tħaffef il-konformità ma' dan ir-Regolament, bħall-kontabbilità u l-ammonti ffriżati skond l-Artikolu 11, u għandhom jgħaddu din l-informazzjoni direttament jew permezz ta' dawn l-awtoritajiet kompetenti, lill-Kummissjoni; u

- (b) jikkooperaw ma' l-awtoritajiet kompetenti indikati fil-websajts elenkati fl-Anness IV f'kull verifika ta' din l-informazzjoni.
- 2. Kwalunkwe informazzjoni li tingħata jew tiġi rċevuta skond dan l-Artikolu għandha tintuża biss għall-għanijiet li għalihom tkun ġiet ipprovduta jew irċevuta.

Artikolu 17

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom immedjatement jinformaw lil xulxin bil-miżuri meħuda skond dan ir-Regolament u għandhom jipprovdut lil xulxin bi kwalunkwe informazzjoni oħra rilevanti konnessa ma' dan ir-Regolament li hija għad-disposizzjoni tagħhom, partikolarment informazzjoni dwar problemi ta' ksur u ta' infurzar u sentenzi mġhotija mill-qrati nazzjonali.

Artikolu 18

- 1. Il-Kummissjoni b'dan għandha s-setgħa li:
 - (a) temenda l-Anness IV fuq il-bażi ta' l-informazzjoni mġhoddija mill-Istati Membri;
 - (b) temenda l-Annessi V, VI u VII fuq il-bażi ta' deċiżjonijiet meħuda fir-rigward ta' l-Annessi I, II u III tal-Pożizzjoni Komuni 2006/318/PESK.
- 2. Għandu jiġi ppublikat avviż dwar il-modalitajiet għall-għoti ta' informazzjoni b'rabta ma' l-Annessi V, VI u VII¹.

¹ ĠU C (Dettalji li jimtlew mill-Ġurnal Uffiċjali) (Id-DGE Coord għandu jikkomunika lill-Ġurnal Uffiċjali l-informazzjoni rilevanti relatata man-Notifika li għandha tiġi pubblikata fl-istess data ma' dan id-dokument).

Artikolu 19

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha biex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.
2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar dawk ir-regoli mingħajr dewmien wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u għandhom jinnotifikawha dwar kwalunkwe emenda sussegwenti.

Artikolu 20

1. L-Istati Membri għandhom jaħtru lill-awtoritajiet kompetenti msemmija f'dan ir-Regolament u jidentifikawhom fi, jew permezz, tal-websajts elenkati fl-Anness IV.
2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-awtoritajiet kompetenti tagħhom mingħajr dewmien wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u għandhom jinfurmawha b'kull tibdil sussegwenti.

Artikolu 21

Dan ir-Regolament għandu japplika:

- (a) fit-territorju tal-Komunità, inkluż l-ispazju ta' l-ajru tagħha;
- (b) abbord ingeni ta' l-ajru jew bastimenti li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru;

- (c) għal kwalunkwe persuna ġewwa jew barra t-territorju tal-Komunità li hija ċittadin ta' Stat Membru;
- (d) għal kull persuna ġuridika, entità jew korp li huma inkorporati jew kostitwiti taħt il-liġi ta' Stat Membru;
- (e) għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp fir-rigward ta' kwalunkwe kummerċ imwettaq, kollu kemm hu jew parti minnu, ġewwa l-Komunità.

Artikolu 22

Ir-Regolament (KE) Nru. 817/2006 huwa b' dan imħassar.

Artikolu 23

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNESS I

Lista ta' prodotti soġġetti għal restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni
u x-xiri kif imsemmi fl-Artikolu 2

Nota:

Jekk parti biss mill-ambitu tal-Kodiċi NM imsemmi hija koperta minn daħla f' dan l-Anness, il-kodiċi NM ikun ippreċedut b' 'ex'.

A. Zkuk tondi, injam u prodotti ta' l-injam

Kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-prodott
4401	Ħatab, f' forma ta' zkuk, zkuk ħoxnin, friegħi, qatet ta' għesieleġ jew forom simili; injam f' laqx jew frak; serratura u skart u fdal ta' injam, kemm jekk magħqudin fi zkuk, briquettes, gerbub jew forom simili jew le
4402	Faħam ta' l-injam (inkluż faħam bil-qoxra jew bil-qalba), kemm jekk miġbur flimkien jew le
4403	Injam mhux maħdum, kemm jekk ikollu l-qoxra ta' barra jew l-ilbieba kif ukoll jekk din tkun imqaxxa jew imneħħija, jew maqtuġh kwadru.

4404	Injam għaċ-ċrieki; arbli maqsumin; puntali, pali u bsaten ta' l-injam, bil-ponta iżda mhux isserrati mit-tul; bsaten ta' l-injam, mirqumin raff iżda mhux inturnati, milwijn jew maħdumin mod ieħor, tajbin għall-manifattura tal-bsaten tal-mixi, umbrelel, manek ta' l-għodod jew bħalhom; injam magħmul minn laqx ta' l-injam (chipwood) u bħalu Ċana rqiqa tal-fraxxnu (wood wool);
4405	suf ta' l-injam ċana rqiqa ta' l-injam
4406	It-traversi ta' l-injam tal-linji tal-ferrovija jew tat-tramm (l-injam ta' bejn il-binarij)
4407	Injam isserrat jew imxellef għat-tul, imfettet jew imqaxxar, sew jekk illixxat, xkatlat jew end-jointed sew jekk le, ta' ħxuna ta' iktar minn
4408	Folji għall-kisi ta' l-injam (inklużi dawġ li jinkisbu billi jkun imfettet l-injam laminat), għall-plajwudd jew għal injam laminat simili u injam ieħor, maqtuġġ għat-tul, imfettet jew imqaxxar, sew jekk illixxat, xkatlat, imwahnal jew ġongut mit-tarf u sew jekk le, ta' ħxuna ta' mhux iktar minn 6 mm
4409	Injam (inklużi strixxi u freġġi għal kisi ta' art bil-parkè, mhux immuntat) b'forma kontinwa (mudullun, kanal, irbattut, ċanfrin, ingast-V, biż-żibeġ, iffurmat, ittundjat jew hekk) tul xi xiifer, tarf jew wiċċ tiegħu, inċanat, xkatlat jew imminċottat fit-truf jew le
4410	Bord ta' l-injam mill-frak u bord simili (per eżempju, oriented strand board u wafer board) ta' injam jew materjali oħrajn għudin, magħqudin bir-rażi jew b'sustanzi organiċi oħrajn li jgħaqqdu jew le

4411	<i>Fibreboard</i> ta' l-injam jew materjali linjużi oħrajn, sew jekk magħqudin bir-reżini jew sustanzi oħra sew jekk le
4412	Plajwud, panelli miksijin u injam laminat simili
4413	Injam densifikat, fi blokki, folji, strixxi jew forom profil
4414	Gwarniċi ta' l-injam għal pitturi, ritratti, mirja jew oġġetti simili
4415	Kontenituri għal ippakkjar, kaxxi, ċestuni, tnabar u kontenituri simili, ta' l-injam; tnabar ta' l-injam tal-kejbil; pallets, pallets tal-kaxxi u twavel oħrajn tat-tagħbija, ta' injam; għenuq tal-pallets ta' injam
4416	Btieti (casks, barrels, vats), tnelli u prodotti oħrajn ta' buttar u bċejjeċ tagħhom, ta' injam, inklużi l-injam imqawwes (staves)
4417	Għodod, il-partijiet prinċipali ta' għodod, manek ta' għodod, xkupi jew xkupilji proprja u l-manek tagħhom, ta' injam; forom ta' bwiez jew żraben, ta' injam
4418	Xogħol ta' injam għal bennejja, inklużi pannelli ta' injam ċellulari, pannelli tal-parkè immuntati, shingles u shakes
4419	Oġġetti tal-mejda u oġġetti tal-kċina, ta' l-injam

4420	Intarsjar fl-injam u injam intarsjat; kaxxetti u kaxxi għal ġojjelli u pożati, u oġġetti bħalhom, ta' injam; statwetti u ornamenti oħrajn, ta' injam; oġġetti ta' injam ta' għamara li ma jaqgħux taħt Kapitlu 94 NM
4421	Oġġetti oħra ta' l-injam
4701	Polpa ta' l-injam mekkanika
4702	Polpa ta' l-injam kimika, fi gradi li jiddissolvu
4703	Polpa ta' l-injam kimika, soda jew sulfat, ħlief gradi li jdubu
4704	Polpa ta' l-injam kimika, sulfit, ħlief gradi li jiddissolvu
4705	Polpa ta' l-injam miksuba b'taħlita ta' proċessi ta' ippulpjar mekkaniċi u kimiċi
9401 61	Sedili oħra, b'qafas ta' l-injam, ittapezzati
9401 69	Sedili oħra, b'qafas ta' l-injam, oħrajn
9401 90 30	Partijiet ta' sedili ta' tip li jintużaw fl-ajruplani, ta' l-injam
9403 30	Għamara ta' l-injam tat-tip li tintuża fl-uffiċċji
9403 40	Għamara ta' l-injam tat-tip li tintuża fil-kċina

9403 50	Għamara ta' l-injam tat-tip li tintuża fil-kamra tas-sodda
9403 60	Għamara oħra ta' l-injam
9406 00 20	Bini prefabbrikat ta' l-injam
ex 9705	Biċċiet ta' njam ta' kollezzjonisti
ex 9706	Antikitajiet ta' l-injam

B. Faħam u metalli

Kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-prodott
2601	Minerali tal-ħadid u konċentrati, inkluża pirite tal-ħadid imsaħħna
2602	Minerali u konċentrati tal-manganiż, inkluż minerali tal-manganiż bil-ħadid u konċentrati b'kontenut tal-manganiż ta' 20 % jew aktar, ikkalkulat fuq il-piż niexef
2603	Minerali u konċentrati tar-ram
2604	Minerali u konċentrati tan-nikil
2607	Minerali u konċentrati taċ-ċomb
2608	Minerali u konċentrati taż-żingu
2609	Minerali u konċentrati tal-landa
2611	Minerali u konċentrati tat-tungstenu
2616 10 00	Minerali u konċentrati tal-fidda
ex 2616 90 00	Minerali u konċentrati tad-deheb

2619 00 20	Fdal, ħmieġ tal-metall (minbarra fdal granulat), qxur u skart ieħor mill-manifattura tal-ħadid u ta' l-azzar, tajjeb għall-irkupru tal-ħadid u l-manganiż
2620 11 00, 2620 19 00	Fdal, irmied u residwi (minbarra mill-manifattura tal-ħadid jew l-azzar), li fih prinċipalment żingu
2620 21 00, 2620 29 00	Fdal, irmied u residwi (minbarra mill-manifattura tal-ħadid jew l-azzar), li fih prinċipalment ċomb
2620 30 00	Fdal, irmied u residwi (minbarra mill-manifattura tal-ħadid jew l-azzar), li fih prinċipalment ram
2620 99 10	Fdal, irmied u residwi (minbarra mill-manifattura tal-ħadid jew l-azzar), li fih prinċipalment nikil
2620 99 40	Fdal, irmied u residwi (minbarra mill-manifattura tal-ħadid jew l-azzar), li fih prinċipalment landa
